

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2022 – Illumina vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-709/22)**

(2023/C 24/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Illumina, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Beard, B. Cullen u J. Holmes, Barristers u F. González Díaz, M. Siragusa, G. Rizza, N. Latronico u L. Bitsakou, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2022) 6454 final tas-6 ta' Settembru 2022 li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE (Każ M.10188 – ILLUMINA/GRAIL);
- tordna lill-Kummissjoni tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tar-rikorrenti sostnuti f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka għaxar motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Kummissjoni billi naqset milli teżamina jekk it-tranżazzjoni kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tar-Regolament tal-Unjoni dwar il-Konċentrazzjonijiet u billi affermat il-kompetenza tagħha sabiex tistħarreġ u tipprojbixxi t-tranżazzjoni mingħajr ma analizzat jekk din tal-aħħar kellhiex il-konnessjoni neċessarja maż-ŻEE u jekk kienx prevedibbli li din tipproduċi effetti immedjati u sostanzjali fiż-ŻEE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti billi naqset milli tadotta dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet supplimentari. Il-Kummissjoni sostanzjalment issupplementat l-oġġezzjoni li r-rikorrenti għandha l-kapaċità u l-inċentivi sabiex teskludi lill-kompetituri potenzjali ta' GRAIL, billi tintroduċi b'mod partikolari analiżi kwantitattiva fl-ewwel espożizzjoni tal-fatti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha rigward l-oneru tal-prova taħt jew l-istandard tal-probabbiltà kbira jew tal-istandard tal-bilanċ ta' probabbiltajiet.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta adottat definizzjoni tas-swieq rilevanti li (a) toħloq distinzjoni artifiċjali bejn l-istadji ta' żvilupp u ta' kummerċjalizzazzjoni għat-testijiet ta' skoperta bikrija tal-kanċer ibbażati fuq sekwenzar ġenetiku tal-ġenerazzjoni li jmiss (Next generation sequencing, iktar 'il quddiem in-“NGS”), (b) tikkonstata sostitwibbiltà fost id-diversi testijiet ibbażati fuq NGS, testijiet ECD, DAC, u MRD fl-istadju tal-iżvilupp potenzjali u (c) tikkonstata sostitwibbiltà fl-innovazzjoni bejn it-test multi-kanċer ibbażat fuq NGS (it-test Galleri ta' GRAIL) u t-testijiet ta' skoperta bikrija ta' kanċer uniku.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni billi naqset milli tittratta offerti miftuħa bħala parti mis-sitwazzjoni fattwali li tirriżulta mit-tranżazzjoni billi evalwat l-allegata kapaċità jew l-allegati inċentivi tar-rikorrenti sabiex tipprattika strateġiji ta' esklużjoni ta' dħul kif ukoll l-effettività u l-effetti fuq il-kompetizzjoni effettiva.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni, meta ddikjarat li t-tranżazzjoni setgħet twassal sabiex Illumina tkun tista' tipprovoka esklużjoni mis-suq.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ddikjarat li Illumina seta' kellha inċentiv sabiex tipprovoka esklużjoni mis-suq.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ddikjarat li t-tranżazzjoni seta' jkollha effett dirett u negattiv fuq il-kompetizzjoni effettiva fis-sitt pajjiżi ta' referenza jew fiż-ŻEE.
9. Id-disa' motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ħadhet id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet li t-tranżazzjoni kienet taċċellera t-tnedija ta' Galleri fiż-ŻEE b'minn tal-inqas ħames snin u ssalva eluf ta' ħajjiet, u li, l-internalizzazzjoni tal-marġni ta' Illumina mal-bejgħ tas-sistemi NGS lil GRAIL setgħet telimina l-marġinalizzazzjoni doppja u twassal għal iffrankar sostanzjali għas-sistemi ta' saħħa tal-Istati Membri u għall-persuni taxxabli billi jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trattament tal-kanċer. Bil-kontra tal-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-effettività tat-tranżazzjoni hija kollha speċifika għal fużjoni, verifikabbli u tista' tibbenefika lill-konsumaturi.
10. L-għaxar motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ħadhet il-pakkett komplet ta' miżuri ta' rimedji ta' Illumina li kien jinkludi mhux biss l-offerta miftuħa iżda wkoll l-impenji f'dak li jikkonċerna l-ġoti ta' liċenzja, id-derogi u l-impenji ta' nuqqas ta' infurzar li setgħu jiffaċilitaw id-dħul u l-espansjoni upstream tal-kompetituri ta' Illumina.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2022 – Nutmark vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-714/22)

(2023/C 24/82)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Nutmark Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: P. Vidal Matos u F. Lança Martins, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba identifikazzjoni żbaljata tas-sistema ta' riferiment, bi ksur tal-Artikolu 4(2) TUE u tal-Artikoli 107(1) u 263 TFUE.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba li ma ntweriex li r-Reġim III taż-Żona Franca da Madeira jikkostitwixxi deroga mis-sistema fiskali ta' riferiment li tintroduċi differenzi bejn operaturi ekonomiċi li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli, bi ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tat-tweqqif tar-rekwiżiti rilevanti għall-eżekuzzjoni korretta tar-Reġim III taż-Żona Franca da Madeira, sa fejn f'dan ir-rigward ir-Repubblika Portugiża adottat kriterji konformi mal-Artikolu 107(1) TFUE.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali stabbilit fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni) ⁽¹⁾.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba ksur tad-dritt għall-proprjetà privata stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

⁽¹⁾ ĠU 2015, L 248, p. 9.